MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 338/2004

**Carmelo Saydon, Salvu Saydon, Paolo Saydon, Annunziata, Josephine xebba u Grace ahwa Borg, George Borg, Maria mart Carmelo Camilleri u Renata mart Joseph Tonna**

**vs**

**Anthony u Joseph ahwa Bonavia, Pauline mart it-tabib Antonio Depares u d-dentist Charles Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 ta’ Gunju tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati, prevja dikjarazzjoni ta’ din il-qorti:

1. Illi l-fond numru 29 u 30 fi Triq Santa Marija, Birkirkara, mikri lill-atturi mill-konvenuti huwa mahzen b’gjardina mieghu, liema gjardina dejjem ifformat parti integrali mill-fond mikri;

2. Illi l-kera mitluba u dejjem imhallsa ghall-istess fond kienet dejjem ghall-mahzen b’gjardina mieghu u mhux ghall-mahzen wahdu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-15 ta’ Lulju tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti;

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda kif proposta billi l-kirja lill-atturi kienet biss tal-mahzen fi Triq Santa Marija, Birkirkara;

2. Illi l-art retroposta u adjacenti ghall-mahzen, (li l-atturi jsejhu ‘gardina’ fl-avviz), qatt ma kienet inkluza fil-kirja;

3. Illi bhala fatt l-atturi ma kellhomx il-pussess taghha u dan kollu kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti;

1. Illi originarjament jirrizulta li kien certu Salvatore Saydon, iz-ziju ta’ l-atturi, li fl-1944 kien kera l-fond numru 29 u 30, Triq Santa Marija, Birkirkara, lil certu Pawlu Bonavia u li wara ghaddiet lill-konvenuti;

2. Illi l-atturi jsostnu li l-kirja de quo kienet tinkludi wkoll il-giardina adjacenti kif jidher mill-pjanta a fol 34 u mid-dokumenti annessi a fol 47 u 48;

3. Illi ghalhekk l-atturi intavolaw din il-procedura in sostenn tat-tezi minnhom assunta ghad-dikjarazzjoni mitluba;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti in sintesi jsostnu s-segwenti:

1. Illi r-ricevuti fil-pussess taghhom jindikaw biss li l-kera hi limitata ghall-fond numru 29 u 30, Triq Santa Marija, Birkirkara, b'mod esklussiv;

2. Illi l-iskop ghal dan kien biex jigu stivati affarijiet konnessi max-xoghol ta' pitkalija;

3. Illi l-art madwar l-istess fond fuq indikat qatt ma kien inkluz;

4. Illi in effetti l-antennat tal-konvenuti certu Gejtu Bonavia, kien ippermetta lil certu Emanuel Tanti jokkupa l-istess area b'numru ta' vetturi uzati;

5. Illi effettivament ikun hemm jiggestixxi l-istess area haddiehor, (ara fol 67 u 68);

Ikkunsidrat:

Illi nonostante li zewg fotokopji ta' zewg pagni ta' ktieb tal-kera li jidher a fol 47 u 48 li jinkludu l-kliem " … and garden …", dan ma jirrizultax li hu sufficcjenti biex jikkristallizza l-jedd ta' l-atturi fuq il-proprjeta' minnhom rikjamata;

Illi dan qed jinghad ghaliex dawn il-pagni jirreferu ghall-perjodu bejn Settembru ta' l-1981 sa Lulju ta' l-1982 u Mejju ta' l-1992 u Gunju ta' l-1993;

Illi minn dak iz-zmein sal-lum, l-affarijiet tant tbiddlu li parti mill-istess area sahansitra anke inbieghet u inbniet, (ara fol 67 et sequitur);

Ikkunsidrat;

Illi in vista tal-premess din il-qorti mhix sodisfatta li l-atturi ppruvaw il-pretensjoni taghhom skond il-ligi;

Ghaldaqstant filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tirrespingi l-pretensjonijiet attrici, bl-ispejjez.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------